DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning

**Tel:** 2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480 **Fax:** 2598 2149

## ĊIRKULARI

a

**Informazzjoni:** X **Data:** 8 ta'Ottubru 2012

**Azzjoni:** X **Ref:** CMeLD 164/2012

**Lill-:** Prinċipali, Kapijiet tal-Iskejjel tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius Muscat, George Mifsud, David Muscat, Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Jum Dun Karm – Il-Ħamis 18 ta' Ottubru 2012

---

### 1. Korteo f'ġieħ Dun Karm

Nixtieq ngħarrfek li nhar il-Ħamis 18 ta' Ottubru 2012 id-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning fi ħdan id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni flimkien mal-Kumitat għall-Festi Nazzjonali se jorganizzaw korteo fit-9.15 a.m f'ġieħ Dun Karm, mill-Iskola tal-Primarja tal-Furjana, sal-monument tal-Poeta Nazzjonali, il-Furjana wkoll. Hemm jinġabru studenti minn diversi skejjel primarji u sekondarji, flimkien mal-għalliema tagħhom, u jinqraw xi poeżiji ta' Dun Karm.

Dawk il-kapijiet tal-iskejjel li jogħġobhom jibagħtu rappreżentazzjoni tal-iskejjel tagħhom għal dan il-korteo huma mitlubin jiktbu lil David Agius Muscat, david.agius.muscat@ilearn.edu.mt , u jingħatalhom it-tagħrif kollu tal-programm.

### 2. Il-bijografija ta' Dun Karm biex tinqara fit-18 ta' Ottubru 2012

Fl-istess ħin inħeġġek biex dakinhar l-iskola tiegħek tfakkar lil Dun Karm billi tinqara l-bijografija qasira mehmuża u xi poeżiji tiegħu waqt il-laqgħa ta' filgħodu.

Tista' ssib ukoll taqsima sħiħa bl-isem ta' Jum Dun Karm, fil-kolonna tal-lemin tal-paġna ewlenija tas-sit tal-Malti, fejn hemm ukoll preżentazzjoni bil-*powerpoint* b'ritratti mill-ħajja ta' Dun Karm. Is-sit tal-Malti ssibu f'http://malti.skola.edu.mt/ Din tista'tintuża dakinhar waqt il-lezzjonijiet tal-Malti.

### 3. Attivitajiet f'ġieħ Dun Karm fl-iskola tiegħek għas-sit uffiċjali tal-Malti

Infakkrek li jekk l-iskola tiegħek torganizza xi attività f'ġieħ Dun Karm nieħdu gost jekk tibagħtilna xi ritratti u kitba qasira biex jittellgħu fis-sit tal-Malti.

Grazzi.

**Sandro Spiteri**
**Direttur tal-Kurrikulu u eLearning**